IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2020
COM(2020) 545 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

L-Estonja

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

L-Estonja

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

1. INTRODUZZJONI

Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-klawżola, kif inhu stipulat fl-Artikoli 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) 1466/97 u l-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament (KE) 1467/97, tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni qablet mal-Kunsill tal-fehma tagħha li, minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku qawwi mistenni li jirriżulta mit-tfaqqigħ ta' COVID-19, il-kundizzjonijiet attwali jippermettu l-attivazzjoni tal-klawżola. Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. L-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti għal devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju, sakemm dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali f'terminu medju. Għall-parti korrettiva, il-Kunsill jista' jiddeċiedi wkoll, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta trajettorja fiskali riveduta. Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissospendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Dan jippermetti li l-Istati Membri jitbiegħdu mir-rekwiżiti baġitarji li normalment japplikaw filwaqt li jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iwettqu l-miżuri ta' koordinazzjoni tal-politika meħtieġa fil-qafas tal-Patt.

Id-*data* nnotifikata mill-awtoritajiet tal-Estonja fil-31 ta' Marzu 2020 u sussegwentement ivvalidata mill-Eurostat[1] turi li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fl-Estonja laħaq iż-0,3 % tal-PDG fl-2019, filwaqt li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien ta' 8,4 % tal-PDG. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, l-Estonja qed tippjana defiċit ta' 10,1 % tal-PDG fl-2020, filwaqt li d-dejn huwa ppjanat li jkun ta' 21,9 % tal-PDG.

Id-defiċit ippjanat għall-2020 jipprovdi evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' defiċit eċċessiv kif definit mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni għalhekk ħejjiet dan ir-rapport, li janalizza l-konformità tal-Estonja mal-kriterju tad-defiċit tat-Trattat. Il-kriterju tad-dejn jista' jitqies li ġie ssodisfat billi l-proporzjon tad-dejn huwa 'l isfel mill-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG. Iqis il-fatturi rilevanti kollha u jqis kif imiss ix-xokk ekonomiku kbir marbut mal-pandemija tal-COVID-19.

[1] https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/10294648/2-22042020-AP-EN.pdf/6c8f0ef4-6221-1094-fef7-a07764b0369f

Tabella 1. Defiċit u dejn tal-l-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)

		2016	2017	2018	2019	2020 COM	2021 COM
Kriterju tad-defiċit	Bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika	-0,5	-0,8	-0,6	-0,3	8,3	3,4
Kriterju tad-dejn	Dejn gross tal-l-amministrazzjoni pubblika	10,2	9,3	8,4	8,4	20,7	22,6

Sors: Eurostat, it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni

2. KRITERJU TAD-DEFIĊIT

Fuq il-bażi tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika tal-Estonja fl-2020 huwa mistenni li jilħaq l-10,1 % tal-PDG,'il fuq u mhux qrib il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. Id-defiċit li qed jiżdied sew jirrifletti l-istimolu ppjanat ta' 4,3 % tal-PDG u l-effetti tal-kriżi ekonomika.

L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza tat-Trattat fl-2020 huwa eċċezzjonali, minħabba li jirriżulta minn tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. B'kunsiderazzjoni tal-impatt tal-pandemija COVID-19, it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni jipprojetta tnaqqis tal-PDG reali fl-2020 b'6,9 %.

L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG mhuwiex temporanju fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, li jipprojetta li d-defiċit jibqa' 'l fuq mill-valur ta' referenza fl-2021.

Kollox ma' kollox, id-defiċit ippjanat għall-2020 huwa 'l fuq u mhux qrib il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG stabbilit fit-Trattat. L-eċċess ippjanat huwa kkunsidrat bħala eċċezzjonali iżda mhux temporanju għall-finijiet tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għalhekk, l-analiżi tissuġġerixxi li*prima facie* l-kriterju tad-defiċit kif definit mit-Trattat u r-Regolament (KE) Nru 1467/97 mhuwiex sodisfatt fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2019 tal-Kummissjoni u l-Programm ta' Stabbiltà.

3. FATTURI RILEVANTI

L-Artikolu 126(3) tat-Trattat jistipula li, jekk Stat Membru ma jissodisfax il-ħtiġijiet ta' wieħed minn dawn il-kriterji jew tat-tnejn li huma, il-Kummissjoni jkollha tħejji rapport. Ir-rapport irid "iqis ukoll jekk id-dejn tal-gvern ikunx jeċċedi n-nefqa tal-gvern f'investiment u jqis il-fatturi l-oħra kollha rilevanti, inkluża l-pożizzjoni ekonomika u baġitarja fuq terminu medju tal-Istat Membru".

Dawn il-fatturi huma ċċarati aktar fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, li jistipula wkoll li "kwalunkwe fattur ieħor li, fl-opinjoni tal-Istat Membru kkonċernat huwa rilevanti sabiex tkun ivvalutata b'mod komprensiv il-konformità mal-kriterji tad-defiċit u d-dejn u li l-Istat Membru ressaq quddiem il-Kunsill u l-Kummissjoni" jeħtieġ li jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta.

Fis-sitwazzjoni attwali, fattur addizzjonali ewlieni li għandu jitqies fir-rigward tal-2020 huwa l-impatt ekonomiku tal-pandemija COVID-19, li għandha impatt sostanzjali ħafna

fuq is-sitwazzjoni baġitarja u tirriżulta f'perspettiva inċerta ħafna. Il-pandemija wasslet ukoll għall-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali.

3.1. Il-pandemija COVID-19

Il-pandemija tatal-COVID-19 wasslet għal xokk ekonomiku kbir li qed ikollu impatt negattiv sinifikanti fl-Unjoni Ewropea kollha. Il-konsegwenzi għat-tkabbir tal-PDG se jiddependu kemm fuq it-tul tal-pandemija kif ukoll fuq it-tul tal-miżuri li ttieħdu mill-awtoritajiet nazzjonali u fil-livell Ewropew u dak globali biex titrażżan il-firxa tagħha, biex jiġu mħarsa l-kapaċitajiet tal-produzzjoni u biex tiġi appoġġata d-domanda aggregata. Il-pajjiżi diġà adottaw, jew qed jadottaw, miżuri baġitarji biex iżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa tagħhom u jipprovdu l-għajnuna lill-individwi u lis-setturi partikolarment affettwati. Ġew adottati wkoll miżuri ta' appoġġ ta' likwidità sinifikanti u garanziji oħra. Soġġett għal informazzjoni aktar dettaljata, l-awtoritajiet kompetenti tal-istatistika għandhom jeżaminaw jekk dawk il-miżuri jinvolvux impatt immedjat fuq il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika jew le. Flimkien mat-tnaqqis fl-attività ekonomika, dawk il-miżuri se jikkontribwixxu għal defiċit u pożizzjonijiet ta' dejn sostanzjalment ogħla tal-Gvern.

3.2 Pożizzjoni ekonomika fuq terminu medju

Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2020 tal-Kummissjoni, il-PDG reali tal-Estonja huwa pprojettat li jonqos b'madwar 7 %, segwit minn irkupru rapidu fl-2021. Minbarra x-xokk fuq id-domanda domestika, l-esportazzjonijiet huma mistennija li jbatu minn tnaqqis fid-domanda barranija. Ir-rata tal-qgħad hija pprojjettata li taqbeż id-9 % fl-2020,'il fuq minn 4,4 % fl-2019.

It-tbassir makroekonomiku tal-Programmi ta' Stabbiltà jinnota inċertezza kbira rigward it-tul tal-pandemija u l-inċertezza tal-impatt ekonomiku tagħha. Il-programm jipprojetta li l-PDG jonqos bi 8 % fl-2020, iżda li jirkupra fl-2021, taħt is-suppożizzjonijiet li s-sitwazzjoni ta' emerġenza se ddum sal-aħħar ta' Mejju 2020 u wara dan se tibda żieda gradwali fl-attività ekonomika. Il-waqgħa f'salt fil-PDG huwa fattur mitiganti fil-valutazzjoni tal-konformità tal-Estonja mal-kriterju tad-defiċit fl-2020.

3.3 Pożizzjoni baġitarja fuq terminu medju

L-Estonja ingħatat rakkomandazzjoni fit-13 ta' Lulju 2018 biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx l-4,1 % fl-2019 ("il-valur ta' referenza tan-nefqa"), li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 0,6 % tal-PDG[2]. Fuq il-bażi tad-*data* tar-riżultati u t-tbassir tal-Kummissjoni, it-tkabbir tan-nefqa qabeż dak il-valur ta' referenza, b'devjazzjoni ta' 1,7 % tal-PDG fl-2019, u b'hekk jindika devjazzjoni sinifikanti.

[2] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2018 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2018 tal-Latvja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2018 tal-Estonja (ĠU C 320, 10.9.2018, p. 24).

Il-konklużjoni hija kkonfermata wkoll għall-2018-2019 meħuda flimkien. Il-bilanċ strutturali baqa' l-istess fl-2019, u b'hekk indika xi devjazzjoni ta' 0,3 % tal-PDG fl-2019, filwaqt li ġibed l-attenzjoni għal devjazzjoni sinifikanti matul l-2018–2019 meħuda flimkien. Il-valutazzjoni kumplessiva tindika xi devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2019.

Il-programm ta' Stabbiltà jipprojetta li d-defiċit ta' 10,1 % tal-PDG fl-2020 se jonqos fl-2021, meta l-ekonomija hi mistennija li tirkupra u jiskadu l-biċċa l-kbira tal-miżuri baġitarji. Il-pożizzjoni fiskali strutturali hija pprojettata li titjieb minn defiċit ta' 5,2 % fl-2020 għal defiċit ta' 0,8 % tal-PDG fl-2021[3]. Il-programm ta' Konverġenza jipprovdi informazzjoni dwar miżuri ġodda sostanzjali biex titrażżan il-pandemija u biex tiġi appoġġata l-ekonomija. Hija tistma l-impatt baġitarju ta' dawn il-miżuri ta' appoġġ dirett għal 4,3 % tal-PDG fl-2020. Il-perspettiva fiskali f'terminu medju tibqa' soġġetta għal livell għoli ta' inċertezza.

3.4 Fatturi oħra ppreżentati mill-Istat Membru

Fit-12 ta' Mejju 2020, l-awtoritajiet tal-Estonja bagħtu ittra bil-fatturi rilevanti skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. L-analiżi ppreżentata fit-taqsimiet preċedenti diġà tkopri b'mod wiesa' l-fatturi ewlenin ippreżentati mill-awtoritajiet.

4. KONKLUŻJONIJIET

Skont il-Programm ta' Stabbiltà, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika tal-Estonja fl-2020 huwa ppjanat li jiżdied għal 10,1 % tal-PDG,'il fuq u mhux qrib il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat. L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza huwa kkunsidrat bħala eċċezzjonali u imma mhux temporanju.

Skont it-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dan ir-rapport eżamina wkoll fatturi rilevanti.

B'mod ġenerali, billi l-iżbilanċ ippjanat huwa 'l fuq sew minn 3 % tal-PDG, l-eċċess mhuwiex temporanju u meta jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha, l-analiżi tissuġġerixxi li l-kriterju tad-defiċit kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/1997 mhuwiex issodisfat.

[3] Kif ikkalkulat mill-awtoritajiet tal-Estonja.